# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 241/2015**

**Appell Numru: 248/2015**

Il-Pulizija

vs

**Godwin Spiteri**

iben Carmel, imwieled Pieta', fit-8 ta' Awwissu, 1965, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 2174(M)

Illum, 17 ta' Lulju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant/ appellat Godwin Spiteri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-18 ta' Diċembru 2006 u fl-aħħar sena qabel dik id-data:

a. Kellu l-pussess ta' droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta'

awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjoni tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

b. Talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga mstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

c. Talli żamm għandu f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt kontroll tiegħu, jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu, arma tan-nar, jew munizzjon, mingħajr liċenja taħt l-Att Dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

d. Talli ttrasferixxa l-pussess ta', biegħ jew ikkonsenja lil xi persuna jew post, akkwista, irċieva, zamm, ittrasporta, ittrazmetta, altera, iddispona, minn jew b'xi modi ieħor innegozja, bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, xi flus, propjeta' (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-propjeta' bil-ħsieb illi jaħbi jew jikkonverti dawk il-flus jew dik il-propjeta' jew dak ir-rikavat u kien jaf jew kellu suspett li dawk il-flus jew

propjeta' kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, kienu ġew miksuba jew riċevuti, direttament jew indirettament, bħala riżultat tal-għemil ta' reat ai termini tal-artikolu 22(1C) subinċiż (a) u (b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

e. Talli sar reċediv a termini tal-liġi b'sentenzi li llum saru definittivi u ma jistgħux jinbiddlu;

f. Fuq talba tal-kontrollur tad-Dwana, talli fit-18 ta' Diċembru 2006 u/jew xi data qabel, xjentement, kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu pistola awtomatika tal-marka Colt bin-numru tas-serje 322778 ; pistola tal-marka ME8 Police mingħajr numru tas-serje ; u 6 balal kalibru 7.65mm. li l-valur totali tagħhom huwa ta' Lm135.72 u d-Dazju dovut totali ta' Lm3.66,4, liema importazzjoni tagħhom hija pprojbita jew ristretta ;

g. Talli fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, u tas-SISA, talli nhar it-18 ta' Diċembru, 2006, u/jew xi data qabel, xjentement kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu pistola awtomatika tal-mark colt bin-numru tas-serje 322778; pistola tal-marka ME8 Police mingħajr numru tas-serje; u 6 balal kalibru 7.65mm, li l-importazzjoni tagħhom hija pprojbita u ristretta u li kellha titħallas Taxxa tas-SISA fuq l-importazzjoni, li tammonta għal Lm25.09,0 liema taxxa ma ġietx imħallsa u/jew kawtelata.

Dan apparti talba sabiex jitħallsu l-ispejjez inkorsi ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Settembru, 2015 fejn il-Qorti wara sabet htija fuq l-ewwel it-tieni, it-tielet, il-hames, u s-sitt u s-seba akkuzi (a, b, c, e, f, g) u dan wara li rat:

Ir-Raba' u s-Sitt Taqsimiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
L-Ewwel Skeda tal-imsemmi Kapitolu.
L-Artikoli 22(1), 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-G.N. 292 ta' l-1939 u L.S. 101.02.

L-artikoli 5(1); 51(2); 56 u 57 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.
L-artikoli 60(a),(b),(c), u (k) u 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta.
L-artikoli 80 u 81 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta.
L-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
L-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat ukoll l-artikoli 2, 3, u 51 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.
L-artikolu 80 tal-Att XXXIII ta' l-1998.

Illi tenut tal-gravita' tal-akkuzi li taghhom gie misjub hati, anke s-sejbien ta' armi fil-pussess tieghu, wara li rat l-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkudannat lil Godwin Spiteri ghal piena karcerarja ta' tlett (3) snin, u ghal multa ta' erbat elef euro (€4,000) konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa.

Ordnat wkoll illi l-flejjes kollha Lilha ezebiti misjuba ghand l-imputat fil-pussess, formanti parti minn KB394.2006, jigu konfiskati. Tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha ezebiti, inkluz armi u munizzjon, bin-numru KA 93.2007.

Ordnat wkoll id-distruzzjoni tad-droga kollha lilha ezebita li ggib in-numru KB 50.2007.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ikkudannat lill-imputat ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' disa' mija u sbatax-il euro u erbgha u erbghin centezmu (€917.44), konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa.

Illiberatu mill-akkuza bl-ittra (d) in kwantu dan il-habi, trasferimenti, u konverzjoni ta' flejjes jew proprjeta' naxxenti miskuba direttament jew indirettament minn reati relatati ma' droga, ma jirrizultawx.

Rat ir-rikors tal-appellant Godwin Spiteri pprezentat fit-18 ta' Mejju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tannulla s-sentenza msemmija jew, alternattivament, tirriformaha billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet limitatment ghall-uzu esklussiv u fejn illiberatu mir-raba' imputazzjoni u tirrevokaha fil-bqija u konsegwentement

tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena, jew, alternattivament, tvarjaha biss in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali pprezentat fit-2 ta' Mejju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha **tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

(i) **tikkonfermaha** fejn illiberat lill-appellat mill-imputazzjoni mmarkata (d);

(ii) **tikkonferma** il-piena karċerarja ta' tlett snin effettivi kif imposta; u

(iii) **tirriformha fil-bqija billi:**

(a) jew tispeċifika il-parti tal-multa imposta ai termini tal-Ordinanza tad-Dwana u minn hemmhekk tispeċifika li terz minn dak l-ammont speċifikat għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana;

(b) jew alternattivament jekk din il-penali ġiet eskluża erronjament mill-ewwel Qorti (tenut kont tas-sejbien ta' ħtija tal-akkuża (f) kif ikkonfermat mis-sentenza appellata), għandha tiżdied din il-penali mal-multa u il-piena kif imposta biex b'hekk tkun tista' ssir il-komputazzjoni appożita skont kif spjegat f'dan l-appell u dan ai termini tal-liġijiet applikabbli.

Rat l-aggravji tal-appellant Godwin Spiteri u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati hi manifestament nulla. Dan qieghed jinghad ghal erba' ragunijiet differenti.

Illi, fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Magistrati naqset milli ticcita l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reati kontemplati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet li taghhom l-esponent instab hati kif tassattivament rikjest mill-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali.

Illi, fit-tieni lok, il-Qorti tal-Magistrati erogat piena li ma tiezistix fil-ligi - "piena karcerarja ta' tlett (3) snin". Effettivament, skont is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 tal-Kodici Kriminali, il-pieni li jistghu jigu moghtija ghad-delitti huma: (a) il-prigunerija, (b) ir-rekluzjoni, (c) I-interdizzjoni, u (d) il-multa. Piena "karcerarja" ma hijiex wahda mill-pieni kontemplati fil-ligi. Dan in-nuqqas ta' forrnalita' sostanzjali iwassal necessarjament ghan-nullita' tas-sentenza.

Illi, fit-tielet lok, il-Qorti tal-Magistrati, skont l-artikoli minnha citati, sabet htija fl-artikoli 80 u 81 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud meta qatt ma saret kumpilazzjoni fir-rigward ta' dawn ir-reati nonostante li dawn id-disposizzjonijiet gew indikati fir-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali.

Illi, fir-raba' lok, ma giex indikat il-perijodu tar-reati li taghhom l-esponent instab hati. Dan ukoll huwa in vjolazzjoni ta' dak kontenut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali.

Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fiI-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-generalita' ta' l-ewwel aggravju, il-Qorti tal-Magistrati qatt ma setghet tiehu konjizzjoni ta' l-imputazzjonijiet mmarkati (c), (e), (f) u (g) peress li l-Avukat Generali kien irrinunzja ghal dawk l-imputazzjonijiet.

Illi fid-19 ta' Dicembru, 2006, l-Avukat Generali kien ordna, fit-termini tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, li l-esponent jigi pprocessat mill-Qorti Kriminali fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet kontra dik l-Ordinanza. Fit-28 ta' Awwissu, 2009, l-istess Avukat Generali baghat kontro-ordni fit-termini ta' l-artikolu 31 ta' l-istess Ordinanza minghajr rinviju ghall-gudizzju fit-termini tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 370 tal-Kodici Kriminali ghar-reati l-ohra.

Illi iktar minn hames snin wara, senjatament fid-9 ta' Ottubru, 2014, il-Qorti tal-Magistrati "gibdet l-attenzjoni ghal zball li sar in kwantu ma ntbaghtux l-artikoli fir-rigward tal-akkuzi li ma jikkoncernawx id-droga" (vide fol 431 ta' l-atti processwali). Il-Qorti imbaghad baghtet l-atti lill-Avukat Generali. Fl-20 ta' Novembru, 2014 l-Avukat Generali rega' baghat kontro-ordni fit-termini ta' l-artikolu 31 ta' I-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi izda din id-darba flimkien ma' rinviju ghall-gudizzju fit-termini tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 370 tal-Kodici Kriminali.

Illi bilkemm hemm ghalfejn jinghad li din il-procedura hija altament illegali in kwantu ma temani minn ebda disposizzjoni fil-korp tal-ligijiet ta' pajjizna. Bid-decizjoni tieghu tat-28 ta' Awwissu, 2009 li jibghat biss kontro-ordni fit-termini ta' l-artikolu 31 imsemmi, l-Avukat Generali kien qieghed, anke jekk bi zvista, jirrinunzja ghall-imputazzjonijiet mmarkati (c), (e), (f) u (g) (ara b'analogija is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v Anthony Joseph Portelli (22. 12.2006).

Illi, a parti dan it-tahwid procedurali, dak li bl-akbar rispett verament jippreokkupa lill-esponent hu l-fatt li l-Qorti li kienet qed tiggudikah kienet ukoll qieghda tillapazza u taghmel tajjeb ghall-izbalji ta' parti fil-kawza - il-prosekuzzjoni - bi procedura inezistenti. Il-Qorti ma ghandha qatt tintervjeni fil-prosekuzzjoni ghaliex fil-mument li tintevjeni, bhalma gara dan il-kaz, tigi nieqsa l-imparzjalita' tant necessarja ghal gudizzju korrett.

Illi din il-procedura zbaljata u parzjali twassal ukoll ghan-nullita' tas-sentenza appellata jew, fl-ahjar ipotesi ghall-prosekuzzjoni, ghad-dikjarazzjoni li l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx tiehu konjizzjoni ta' l-imputazzjonijiet immarkati (c), (e), (f) u (g) peress li l-Avukat Generali kien irrinunzja ghalihom.

Illi t-tielet aggravju jikkonsisti fiI-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-Qorti tal-Magistrati, fir-rigward ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet, qatt ma kellha ssib lill-esponent hati tac-cirkostanzi aggravanti li d-droga nstabet f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi l-fatt li l-esponent kellu problema serja ta' droga qatt ma giet kontestata. Bizzejjed jinghad li l-problema tieghu tant kienet akuta li kien anke jixtri d-droga minghand huh li gie kkundannat u issentenzjat. L-esponent instab fil-pussess ta' tlett boroz zghar tal-plastic li fihom kien hemm ammont nett totali ta' 0.642 grammi kokajina u hamest-iqratas li fihom kien hemm ammont nett totali ta' 1.517 grammi herojina. L-esponent kellu wkoll ammont ta' flus. Jinghad bl-akbar rispett li dawn iI-fatti ma jwasslux ghall-grad tac-certezza morali li l-ftit droga li nstabet fil-pussess

tieghu ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Il-Qorti tal-Magistrati ccitat diversi sentenzi li c-cirkostanzi taghhom ma kellhom xejn x'jaqsmu mac-cirkostanzi tal-kaz in dizamina.

Illi l-Qorti tal-Magistrati, nonostante l-ispjegazzjoni bid-dokumenti moghtija minn omm l-esponent dwar ammont sostanzjali ta' flus, osservat li tali spjegazzjoni ma kienitx verosimili. Dak li ma gie qatt ippruvat, u naturalment lanqas ma gie ndirizzat mill-Qorti, kien l-allegat ness bejn dawn il-flus u xi attivita' llecita da parti ta' l-esponent. Ic-cirkostanza aggravanti ma tispostax l-oneru tal-prova u il-prova li dawk il-flus huma konnessi ma' l-attivita' msemmija hija manifestament nieqsa. Qed jigi sotto mess li l-esponent kellu jinstab hati biss ta' pussess semplici ta' medicina perikoluza.

Illi jinghad ghal kull buon fini li ghalkemm il-Qorti tal-Magistrati ghaddiet biex taghmel ezami tal-validita' ta' l-istqarrija ta' l-esponent, tali ezami kien bl-akbar rispett superfluwu u inutili in kwantu qatt ma tqajjmet eccezzjoni dwar l-ammissibilita' ta' l-istqarrija tieghu.

Illi r-raba' aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji, il-Qorti tal-Magistrati qatt ma kellha tordna il-konfiska tal-flejjes misjuba ghand l-imputat. Jibda biex jinghad li f'dan il-kaz qatt ma saret ordni ta' iffrizar u certament dawn il-flejjes ma gewx konfiskati fit-termini tad-disposizzjonijiet relattivi ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi lanqas ma sar xi ness bejn dawn il-flejjes u xi attivita' illecita. Anzi l-esponent gie lliberat mill-imputazzjoni mmarkata (d). Fi kliem iehor il-konfiska ta' dawn il-flejjes lanqas ma setghet issir fit-termini ta' l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali in kwantu ma gie bl-ebda mod ippruvat li kienu l-corpus delicti, jew l-istrumenti li servew jew li kienu mahsuba sabiex isir id-delitt, jew gew miksuba bid-delitt. Ghalhekk il-konfiska taghhom ma ssib ebda sostenn fil-ligi u tali ordni ghandha tigi revokata.

Illi l-hames aggravju jikkonsisti fiI-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-piena erogata hija wisq gravuza tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u principalment tenut kont tal-fatt li llum l-esponent huwa persuna riformata.

Illi fl-ewwel lok, dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li jinghad fl-aggravji precedenti, l-esponent jitlob li din il-Oorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga fit-termini tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 ta' l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija) sabiex tiskatta l-procedura msemmija f'dak l-artikolu in kwantu l-elementi rikjesti ghall-applikazzjoni ta' dik id-disposizzjoni jezistu fil-kaz in dizamina.

Illi fl-eventwalita' li din il-Qorti ma tilqax din it-talba, qed jigi rilevat li l-esponent huwa, kif intqal, persuna riformata. Illi l-esponent instab fil-pussess ta' ftit iktar minn zewg grammi medicina perikoluza u ma hemm ebda hjiel ta' prova ta' traffikar. Hu l-esponent Antoine Spiteri gie kkundannat ghal ghaxar xhur prigunerija talli biegh id-droga lill-esponent. Qed issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija fil-konfront ta' l-istess esponent mill-Qorti tal-Magistrati diversament presjeduta fit-22 ta' April, 2015 u ghall-konsiderazzjoni li saru fiha. Ghalhekk qed jigi sottomess bl-akbar rispett li l-piena erogata hija sproporzjonata ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali u cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza tagħha hawn fuq riferita, għamlet enunċazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi meta ġiet biex teroga l-piena mposta u dan partikolarment b'referenza għall-akkuża mmarkata (f) kif miġjuba.

Illi preliminarjament u għal kull buon fini jiġi ċċarat li din il-piena hija limitata biss għall-piena għal dak li jikkonċerna r-reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana u f'ebda mod m'hija intiza sabiex tvarja l-piena karċerarja kif imposta kif ukoll il-liberatorja tar-raba akkuża miġjuba kontra l-appellat.

Illi fl-ewwel lok, tajjeb li ssir referenza għall-liġi relevanti ai fini ta' dan l-appell fiż-żmien mertu tal-inċident senjatament l-artikolu 62 tal-Kapitlu 37 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula kif ġej:

> *62. Kull min, b'kontravvenzjoni ta' din l-Ordinanza –*
>
> ...

*jeħel għal kull wieħed minn dawk ir-reati multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti jew mitejn u ħamsin Lira (Lm250)*[1]*, skond liema jkun l-akbar* ***hekk li terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana,*** *jew għal dik il-multa flimkien ma' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn; u l-ħati jista' jiġi arrestat jew miġjub quddiem il-qorti b'ċitazzjoni bil-mod u fil-forma kif jingħad fil-Kodiċi Kriminali, u skont id-disposizzjonijiet l-oħra kollha ta' dak il-Kodiċi:* ***(Sottolinear u enfasi tal-esponent)***

Illi bir-rispett kollu dovut lejn l-Ewwel Qorti u id-deċizjoni mogħtija minnha fis-sentenza tagħha, l-ewwel Qorti naqset milli tindika l-ammont tal-piena pekunjarja applikabbli ai fini tas-sejbien ta' ħtija tal-akkuża immarkata bħala (f) li minnha mbagħad tkun tista' ssir il-komputazzjoni sabiex jiġi stabbilit kemm huwa dovut bħala dejn ċivili favur id-Dwana skont l-artikolu hawn fuq ikkwotat. Effettivament, il-multa għar-reat fl-akkuża mmarkata (f) kellha tammonta għall-ħamest mija tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€582.34) ekwivalenti għal mitejn u ħamsin Lira, li minnhom allura terz kellu jitqies bħala dejn ċivili ammontanti allura għal mija erbgħa u disgħin euro u ħdax-il ċenteżmu (€194.11) dejjem favur id-Dwana. Konsegwenza ta' hekk, id-Dipartiment tad-Dwana se jkollu problema biex jinfurza u jesegwixxi s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti stante li l-mod kif inhi miktuba s-sentenza turi li l-multa mposta li hija ferm għola minn din il-penali hawn fuq ipprospettata (u li kwindi x'aktarx tinkomprendi parti mill-piena għall-ksur tar-reati l-oħrajn sakemm il-penali dovuta lid-Dwana ma ġietx eskluża *in toto* u erronjament), hija dovuta interament il-Qorti, a differenza ta' dak ipprospettat skont il-liġi u kif miġjub f'dan l-appell, fejn allura terz mis-somma kkomputata għal-ksur rispettiv ikollu jitħallas bħala dejn ċivili pagabbli direttament lid-Dipartiment tad-Dwana.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

---

[1] Ikkonvertiti fil-munita Euro bl-avviz legali 407/2007 u ċioe ekwivalenti għal ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34)

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant tressaq il-Qorti taht arrest fl-20 ta' Dicembru, 2006 akkuzat b'diversi akkuzi.

Illi fl-10 ta' Ottubru, 2007 l-ewwel Qorti awtorizzat iz-zieda ta' l-akkuzi kontra l-appellant li jinsabu a fol. 205 u 206 tal-process u huma dawn l-akkuzi li jiffurmaw parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti u huma meritu ta' dan l-appell kemm ta' Godwin Spiteri, kif ukoll ta' l-Avukat Generali.

Illi fis-seduta tat-30 ta' Lulju, 2009 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ghalqet il-provi taghha.

Illi fis-seduta tal-10 ta' Settembru, 2009 gie ezebit il-kontro-Ordni tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Dan il-kontro-ordni jgib id-data tat-28 ta' Awwissu, 2009.

Illi fit-8 ta' Gunju, 2010 l-avukat tal-appellant ta bidu ghad-difiza ta' l-istess appellant billi talab lill-ewwel Qorti biex jinhatar Probation Officer biex isir Social Inquiry Report. Dan ir-rapport giet ezebiet lill-ewwel Qorti fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2010. Il-provi ta-difiza komplew fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2012 u fis-seduti sussegwenti.

Illi finalment wara li nstemghu l-provi kollha tad-difiza l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghat-8 ta' Ottubru, 2014.

Illi fis-seduta tad-9 ta' Ottubrtu, 2014 l-ewwel Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet li l-Avukat Generali baghat il-kontro-ordni, izda naqas li jibghat l-artikoli in vista tal-akkuzi mizjuda fil-konfront tal-VAT, tad-Dwana u tar-recidiva. Konsegwenza ta' dan l-ewwel Qorti ordnat li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali.

L-Avukat Generali b'nota tat-18 ta' Novembru, 2014 irrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati b'rinviju ta' hames tijiem skont l-artikolu 432(2) tal-Kodici Kriminali.

Illi fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2014 l-atti gew sanati u l-Ufficjal Prosekutur ezebixxa mill-gdid l-Ordni tal-Avukat Generali taht l-artikolu 22(2) ta' l-Ordinanaza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Ordni ggib id-data tas-17 ta' Novembru, 2014.

Illi fis-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014 gew moqrija l-artikoli tal-ligi li kellhom x'jaqsmu ma l-akkuzi l-ohra hlief dawk dwar id-droga li jgibu d-data tal-20 ta' Novembru, 2014.

Illi s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti giet pronunzjata fis-6 ta' Mejju, 2015.

Illi dan l-iter processwali temporali hu necessarju biex din il-Qorti tkun tista' tasal ghal konkluzjoni ta' dan l-appell. L-ewwel ser jigi analizzat l-appell ta' Godwin Spiteri u imbaghad l-appell ta' l-Avukat Generali.

Illi maghmula dawn il-konstatazzjonijiet din il-Qorti hi tal-fehma li la darba l-Avukat Generali hareg il-kontro-ordni u ma hareg l-ebda artikolu iehor tal-ligi, ifisser li l-Avukat Generali kien qed jirrinunzja ghall-akkuzi l-ohra migjuba kontra l-apellant. L-ewwel Qorti ma setghet qatt taghmel tajjeb ghall-izball tal-Avukat Generali. Hawnhekk, hu rilevanti li wiehed jara li l-kontro-ordni gie mibghut lill-Qorti fit-28 ta' Awwissu, 2009 u l-artikoli tal-ligi ntbaghtu fl-20 ta' Novembru, 2014.

Illi fil-kaz in ezami hu car li l-ewwel Qorti eccediet il-poteri li hi ghandha biex jasal ghal gudizzju oggettiv tal-kaz in ezami. Hu car li b'dak li sar l-Avukat Generali gie avvantaggjat ghas-skapitu ta' l-appellant. Hu car li f'dawn ic-cirkostanzi s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ghandha tigi annullata ghaliex l-Avukat Generali taht ebda cirkostanza ma seta' jezebixxi artikoli godda tal-ligi wara li d-difiza ghalqet il-provi taghha u il-kawza thalliet ghas-sentenza. Ghalhekk, hu car li l-appellant qatt ma seta' jinsab hati tal-akkuzi bl-ittra (c)(e)(f)(g).

Illi mill-provi prodotti l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova li d-droga li nstabet fuq il-persuna tal-appellant ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.  Fil-fatt, l-appellant instab li hu kien fil-pussess ta' 1.517grammi ta' eroina u 0.642 grammi ta' kokaina.  Il-valur globali ta' din id-droga skont l-espert Mario Mifsud kien ta' €147.52.  Jirrizulta wkoll li l-appellant kellhu l-vizzju tad-droga u ghalhekk dan l-ammont ma jindika xejn anormali f'persuna li ghandha l-vizzju tad-droga.  Hi l-fehma ta' din il-Qorti wara qari tad-depozizzjoni tax-xhieda li l-appellant kellhu din id-droga u din kienet ghall-uzu esklusiv tieghu.

Illi mill-provi prodotti u mid-dokumentazzjoni ezebita din il-Qorti hi konvinta li l-ammont ta' Lm16,000 huma proprjeta' ta' Rose Spiteri, omm l-appellant, u kienu ghand l-appellant semplicement biex jigu ndukrati minhabba l-fatt li ommu kienet qed jibza zomm id-dar taghha dan l-ammont ta' flus.

Illi minhabba r-ragunijiet hawn fuq indikati din il-Qorti mhiex ser tiehu konjizzjoni tal-appell tal-Avukat Generali li jirrigwarda biss punt tekniku dwar il-multa nflitta mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellant Godwin Spiteri ma nstabx hati tar-raba' akkuza migjuba kontra tieghu.  Tilqa l-appell ta' Godwin Spiteri dwar l-ewwel zewg akkuzi migjuba kontra tieghu dwar il-pussess ta' l-eroina u il-kokaina mhux ghall-uzu personali tieghu izda ssibu hati ta' pussess semplici ta' l-istess eroina u l-istess kokaina.  Rat l-artikoli 22(1)(a)(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.  Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tikkundannah ghal piena ta' sitt xhur prigunerija u il-hlas ta' multa ta' elfejn euro (€2,000).  Tilqa l-appell ta' Godwin Spiteri dwar it-tielet, il-hames, is-sitt u is-seba' akkuza migjuba kontra tieghu.  Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehilsu minn kull piena u htija dwar dawn l-akkuzi.  Tordna l-konfiska tal-oggetti ezebiti nkluzi l-flus misjuba fil-pussess ta' l-appellant, l-armi u il-munizzjon.  Tordna r-rilaxx favur Rosa Spiteri tas-somma ta' sittax il-elf lira maltin (Lm16,000) ekwivalenti ghal seba' u tletin elf, mitejn u sebghajn euro (€37,270).  Tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti dwar il-hlas ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.